MALTA

# QORTI KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## MICHAEL MALLIA

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2014

Numru 18/2013

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**Joseph Kevin Vincent Borg**

Il-Qorti,

Rat l-att ta' Akkuza numru 18/2013 mahruga mill-Avukat Generali kontra Joseph Kevin Vincent Borg [detentur tal-karta tal-identita` numru 138990 (M)] fit-3 ta' Lulju, 2013 fejn

1. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi fit-18 ta' Diċembru tas-sena elfejn u għaxra (2010), il-pulizija tal-iskwadra kontra d-droga ġew infurmati illi kien ser isir negozju tad-droga illegali ġewwa Triq Joseph Burlo, Ħal-Tarxien għal ħabta tas-sitta ta' filgħaxija (6 :00pm), liema negozzjati kienu ser jinvolvu diversi persuni. Dawn il-persuni effettivament ġew interċettati u arrestati fuq il-post wara li inqabdu *in flagrante delicto* fil-kors ta' dawn in-negozzjati lleċiti u rriżulta li fost

dawn kien hemm Joseph Kevin Vincent Borg iktar il-quddiem indikat bħala Joseph Borg qua l-akkużat f'dawn il- proċeduri. Il-persuni l-oħra irriżultaw bħala Matthew Zarb, Franklin Orsini, Mark Anthony Bartolo, Mason Nehls u Duncan Caruana li lkoll kemm huma qed jiġu akkużati separatament mill-akkużat Borg fi proċedura oħra.

Illi mill-investigazzjonijiet irriżulta li fit-tmintax (18) ta' Diċembru tas-sena elfejn u għaxra (2010) u fil-jiem ta' qabel din id-data, Joseph Borg iddeċida illi jibda jmexxi u jittraffika fid-droga *Ecstacy* (MDMA). L-akkużat kien miftiehem ma Matthew Zarb, Franklin Orsini, Mark Anthony Bartolo, Mason Nehls u Duncan Caruana kif ukoll ma persuni oħra ġewwa pajjizna sabiex jakkwista u jittraffika d-droga *Ecstacy*, għal liema aġir l-akkużat kien ser jitħallas ammont konsiderevoli ta' flus. Illi in eżekuzzjoni ta' dan il-pjan maħsub minn qabel, kif irriżulta anki waqt l-osservazzjonijiet li kienu qegħdin isiru fuq il-post mill-pulizija eżekuttiva, l-akkużat Joseph Borg xjentement ftehem li jiltaqa Ħal-Tarxien ma Matthew Zarb, Franklin Orsini, Mark Anthony Bartolo, Mason Nehls u Duncan Caruana wara li kienu ftehmu dwar il-modalitajiet tal-bejgħ u tax-xiri tad-droga illegali li instabet fil-pussess tagħhom u dan bl-iskop li minn hemmhekk jgħaddu l-imsemmija droga lil min kien ser jixtriha.

Illi in sostenn ta' dan il-pjan u fil-fatt waqt l-osservazzjonijiet, rriżulta wieħed mill- imsemmija (Mason Nehls), li kien fil-pussess ta' basket ta' lewn skur. Ġew osservati wkoll żewġ vetturi tal-għamla Toyota Starlet bin-numru HAT224 u Kia Avella bin- numru KAK321 bin-nies ġo fihom liema vetturi ġew fuq il-post fejn Nehls ġie osservat jirkeb ġewwa vettura minnhom. Ftit tal-ħin wara dawn iż-żewġ vetturi reġgħu tfaċċaw u pparkjaw wara xulxin f'liema mument ġie eżegwit l-arrest tal-pulizija sabiex isiru l- ispezzjonijiet meħtieġa da parti tagħhom fil-vetturi relattivi u tal-persuni li kienu ġo fihom. Irriżulta filfatt li fit-Toyota Starlet kien hemm Mark Anthony Bartolo u Mason Nehls filwaqt li fil-Kia Avella kien hemm Matthew Zarb, Duncan Caruana,

Franklin Orsini kif ukoll l-akkużat Joseph Borg kif hawn imsemmi. Waqt it-tfittxijiet relattivi rriżulta li ġol-vettura tal-għamla Kia Avella instabet kalzetta ta' lewn griż skur u ġo fiha kien hemm borza tal-plastik kontenenti diversi pillolli bojod suspettati pillolli tal-*Ecstacy*. Jirriżulta wkoll li l-akkużat Borg għamel anki tentattiv ta' ħarba mill-arrest iżda dan it- tentattiv ma rnexxiex peress li inqabad ftit metri l-bogħod minn fejn ġew interċettati l-vetturi msemmija inkluż l-Kia Avella fejn filfatt kien jinstab l-imsemmi akkużat.

Illi meta l-akkużat ġie effettivament arrestat fil-mument tal-interċetazzjoni hu flimkien ma sħabu kif imsemmija kienu fil-proċess imminenti li jesegwixxu dan il-pjan illeċitu u maħsub minnhom kollha. Madankollu u fortunatament, l-akkużat u d-droga ġiet interċettata qabel ma ġew mgħoddija lil ħaddieħor ġewwa pajjiżna. Filfatt minn analiżi u eżamijiet li saru wara minn esperti forensiċi, ġie konfermat li s-sustanza li instabet fil- borza tal-plastik moħbija ġewwa l-kalzetta fil-Kia Avella kienet effettivament tikkonsisti mid-droga *Ecstasy* kontenenti s-sustanza *3,4-Methylenedioxymethamphetamine* (MDMA) li hija sustanża kkontrollata taħt il-Liġi tagħna, fl-ammont ta' elf pillolla (1000) u ċioe` mediċina psikotropika li titqies bħala sustanza illegali skond il-Liġi tagħna (Tielet Skeda parti A tal-Kapitolu 31) bil-valur kumplessiv ta' madwar disa t'elef u sitt mitt Euro bħala valur kumplessiv (€9,600).

Illi b'għemilu Joseph Borg sar ħati talli assoċja ruħu ma' persuni oħra f'Malta jew ma' persuni oħra barra minn Malta sabiex jimporta, ibiegħ jew jittraffika mediċina u droga oħra f'Malta (*Ecstacy* - MDMA) bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il- Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'Jaqsmu Magħha, jew ippromwova, ikkonstitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assoċazzjoni u b'dan illi r-reat sar fi, jew ġewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, *club* jew ċentru taż-żgħażagħ, jew xi post ieħor simili fejn normalment jiltaqgħu iż-żgħażagħ.

Illi b'sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-ismijiet Pulizija vs Joseph Kevin Vincent Borg datat is-sbatax (17) ta' Jannar tas-sena elfejn u sebgħa (2007), l- imsemmi akkużat instab ħati ta' diversi reati.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill-imsemmi Joseph Kevin Vincent Borg, reċidiv f'delitt, ħati talli assoċja ruħu ma' persuni oħra f'Malta jew ma' persuni oħra barra minn Malta sabiex jimporta, jbiegħ jew jittraffika mediċina u droga oħra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'Jaqsmu Magħha, jew ippromwova, ikkonstitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assoċjazzjoni u b'dan illi r-reat sar fi, jew ġewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta', skola, *club* jew ċentru taż-żgħażagħ, jew xi post ieħor simili fejn normalment jiltaqgħu iż-żgħażagħ; talab li jingħamel skond il-liġi (i) kontra l- imsemmi akkużat illi jiġi kkundannat għal piena ta' priġunerija għal għomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax –il elf u ħames mitt Euro (€116,500) u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta` mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 40A, 120A(1)(f), 120A(1A), 120A(2)(a)(i),(2A),(2B), it-tieni *proviso* ta' din id-disposizzjoni u 121A(1)(2) tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l- Professjonijiet li għandhom x'Jaqsmu Magħha (Kap. 31), l-Avviż Legali 183/1989 u fl-artikoli 17, 20, 22, 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmija akkużati;

2. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi b'referenza għall-fatti kollha li rriżultaw mill-ewwel Kap ta' din l-Att tal- Akkuża u ċioe nhar it-18 ta' Diċembru tas- sena elfejn u għaxra (2010) għal ħabta tas-sitta ta' filgħaxija (6 :00pm) u fil-jiem ta' qabel, irriżulta fil-mument meta' l-akkużat ġie interċettat hu flimkien ma sħabu kienu qedgħin iġorru elf (1000) pillolla *Ecstacy*

li kienu intenzjonati għal persuni oħra, konsiderando li dawn il-pillolli kienu ser jagħddu f'idejn terżi persuni bi ftehim mal- akkużat sabiex is-sustanza illegali in kwistjoni (*Ecstacy* - MDMA) tiġi traffikata għal skopijiet ta' lukru. Filfatt minn informazzjoni li rċevew l-pulizija wara l-arrest tal- akkużat, din id-droga kienet effettivament ser tiġi ttraffikata ftit tal-ħin wara mill-akkużat u sħabu li kienu miftehmin ilkoll f'dan is-sens bejniethom. Fortunatament l-uffiċjali tal- Korp tal-Iskwadra ta' Kontra d-Droga interċettaw lill-akkużat fil-mument opportun fejn sussegwentement ġie kkonfermat li din il-mediċina psikotropika u llegali kienet intiza għall-iskop imsemmi apparti li ġiet ikkonfermata bħala s-sustanza *Ecstacy* (MDMA) meqjusa bħala mediċina psikotropika u kkontrollata f'pajjizna.

Illi ma kien hemm l-ebda liċenzja jew awtorizazzjoni maħruġa taħt l-Ordinanza dwar il- Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'Jaqsmu Magħha (Kap. 31) u mir- Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini (L.S.31.18) li tawtorizza lill-akkużat sabiex iforni, jimporta, jesporta, jimmanifattura jew jipprokura id-droga perikoluża msemmija.

Illi b'għemilu l-imsemmi Joseph Borg sar ħati talli forna jew ipprokura, jew offra li jforni jew jipprokura d-droga *Ecstasy* kontenenti s-sustanza *3,4-Methylenedioxymethamphetamine* (MDMA) lil xi persuna jew għal xi persuna, f'dawn il- Gżejjer jew x'imkien ieħor, jew avża l-imsemmija droga għall-bejgħ, mingħajr ma kellu liċenza mis-Supretendent tas-Saħħa Pubblika u mingħajr ma kien awtorizzat bir-Regoli ta' l-1985 għall-Kontroll tal-Mediċini jew minn xi awtorita` apposta mogħtija mis- Supretendent tas-Saħħa Pubblika li jforni l-mediċina/droga msemmija, u mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtorizazzjoni għall-importazzjoni jew awtorizzazzjoni għall- esportazzjoni maħruġa skond il-liġi u skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il- Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'Jaqsmu Magħha (Kap. 31), u mingħajr ma kellu liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew jipprokura l- istess mediċina

perikoluża/droga u b'dan illi r-reat sar fi, jew ġewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, club jew ċentru taż-żgħażagħ, jew xi post ieħor simili fejn normalment jiltaqgħu iż-żgħażagħ.

Illi b'sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-ismijiet Pulizija vs Joseph Kevin Vincent Borg datat is-sbatax (17) ta' Jannar tas-sena elfejn u sebgħa (2007), l- imsemmi akkużat instab ħati ta' diversi reati.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża l-imsemmija Joseph Kevin Vincent Borg, reċidiv f'delitt, ħati talli forna jew ipprokura, jew offra li jforni jew jipprokura d-droga *Ecstasy* lil xi persuna jew għal xi persuna, f'dawn il-Gżejjer jew x'imkien ieħor, jew avża l-imsemmija droga għall-bejgħ, mingħajr ma kellu liċenza mis- Supretendent tas-Saħħa Pubblika u mingħajr ma kien awtoriżżat bir-Regoli ta' l-1985 għall-Kontroll tal-Mediċini jew minn xi awtorita` apposta mogħtija mis-Supretendent tas- Saħħa Pubblika li jforni l-mediċina/droga msemmija, u mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtoriżazzjoni għall-importazzjoni jew awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni maħruġa skond il-liġi skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l- Professjonijiet li għandhom x'Jaqsmu Magħha (Kap. 31), u mingħajr ma kellu liċenzja jew xort'oħra awtoriżżat li jimmanifattura jew jipprokura l-istess mediċina perikoluża/droga u b'dan illi r-reat sar fi, jew ġewwa distanza ta' mitt metru mill- perimetru ta', skola, club jew ċentru taż-żgħażagħ, jew xi post ieħor simili fejn normalment jiltaqgħu iż-żgħażagħ; talab li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat illi jiġi kkundannat għal piena ta' priġunerija għal għomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax –il elf u ħames mitt Euro (€116,500) u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta` mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 40A, 120A(1)(f), 120A(1A), 120A(2)(a)(i),(2A),(2B), it-tieni *proviso* ta' din id-disposizzjoni u 121A(1)(2) tal-Ordinanza dwar il-

Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'Jaqsmu Magħha (Kap. 31), kif ukoll r-regolament 3(1) tal-Avviz Legali 22 tas-sena 1985 (L.S.31.18) konċernanti r-Regolamenti dwar il-Kontrolli tal-Mediċini u fl- artikoli 17, 20, 22, 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat;

3. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tielet Kap illi dejjem b'referenza għall-inċident li seħħ kif debitament imsemmi fl-ewwel żewġ kapi ta' din l-Att tal-Akkuża u ċioe` fit- tmintax (18) ta' Diċembru tas-sena elfejn u għaxra (2010) u fil-jiem ta' qabel, minħabba l-fatt li l-boroż kontenenti s-sustanża illegali u perikoluża in kwistjoni kienu indubjament fil-Kia Avella fejn kien hemm l-akkużat fost oħrajn u minħabba l-fatt li s-sustanza suspettuża li nstabet ġo fihom irriżultat, wara l-analiżi meħtieġa li saru, li kienet tikkonsisti mid-droga *Ecstasy* (MDMA) u cioe` mediċina psikotropika u illegali ai termini tal-Liġijiet tagħna, irriżulta li l-akkużat Joseph Borg kien fil-pussess fiziku u xjenti ta' sustanza psikotropika pprojbita skond il-Liġi. Din is-sustanza psikotropika u illegali perikoluża ma kinitx intiża għall-użu personali tiegħu, iżda kif spjegat fil-kapi preċedenti, kienet intiża sabiex tiġi ttraffikata. In oltre l-ammont tad-droga li instabet fl- ammont ta' elf pillolla (1000) bil-valur ta' madwar disat elef u sitt mitt Euro (€9,600) bħala valur kumplessiv, huwa ammont konsiderevoli li ċertament ma tindikax skop għall-użu personali.

Anki f'dan il-każ, l-akkużat Joseph Kevin Vincent Borg ma kienx fil-pussess ta' awtoriżazzjoni jew liċenza maħruġa mill-Liġi li tippermettilu ikollu fil-pussess tiegħu din il-mediċina psikotropika u ristretta skond il-liġi.

Illi l-pillolli tal-*Ecstasy* magħrufa wkoll bħala MDMA (*methylenedioxymethanphetamine*) huma droga perikoluża u kkontrollata taħt id- disposizzjonijiet tat-Taqsima A tat-Tielet Skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'Jaqsmu Magħha.

Illi b'għemilu l-akkużat Joseph Kevin Vincent Borg sar ħati talli, kellu fil-pussess tiegħu d-droga *Ecstasy* (MDMA) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizżazzjoni għall- importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond il- Liġi relattiva (Kapitolu 31), u meta ma kienux bil-liċenzja jew xort' oħra awtoriżżat li jimmanifattura, iforni jew li jkollu fil-pussess tiegħu din il-mediċina psikotropika/droga msemmija, b'dan illi r-reat sar fi, jew ġewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta', skola, club jew ċentru taż-żgħażagħ, jew xi post ieħor simili fejn normalment jiltaqgħu iż-żgħażagħ u b'dan ukoll li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu.

Illi b'sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-ismijiet Pulizija vs Joseph Kevin Vincent Borg datat is-sbatax (17) ta' Jannar tas-sena elfejn u sebgħa (2007), l- imsemmi akkużat instab ħati ta' diversi reati.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill-imsemmi akkużat, reċidiv f'delitt, ħati talli, kellu fil-pussess tiegħu d-droga *Ecstasy* (MDMA) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima A tat-Tielet Skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'Jaqsmu Magħha, u meta ma kienx bil-liċenza jew xort'oħra awtoriżżat li jimmanifattura, iforni jew li jkollu l-pussess tal-mediċina psikotropika/droga msemmija, b'dan illi r-reat sar fi, jew ġewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta', skola, *club* jew ċentru taż- żgħażagħ, jew xi post ieħor simili fejn normalment jiltaqgħu iż-żgħażagħ u b'dan ukoll illi r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu; talab li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' għomor il-ħabs u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax –il elf u ħames mitt Euro (€116,500) u l-konfiska

favur il-Gvern ta’ kull flejjes jew propjeta` mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 40A, 120A(1)(a),120A(2)(a)(1), (2A)(2B), 120A(1)(f)(2)(a)(1) u 121A(1)(2) tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x’Jaqsmu Magħha (Kap 31), Regolament 5(1)(2), 10(2) tal-Avviz Legali 22/85 u Avviżi Legali 183/99 u fl-artikoli 22A, 22B, 22E, 27, 28 u 30 tal-Ordinanza dwar Mediċini Perikolużi (Kap 101) u l- artikoli 17, 20, 22, 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista’ skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta’ l-imsemmi akkużat.

4. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fir-Raba` Kap illi dejjem b’referenza għall-inċident li seħħ kif debitament imsemmi fl-ewwel kapi ta’ din l-Att tal-Akkuża u partikolarment fit-tmintax (18) ta’ Diċembru tas-sena elfejn u għaxra (2010) għal ħabta tas-sitta ta’ filgħaxija (6 :00pm), waqt li l-akkużat Joseph Borg għamel tentattiv ta’ ħarba mill-arrest li sar fil-mument tal-interċettazzjoni mill-membri tal-Korp tal-Pulizija tal-attivitajiet illegali li kien involut fihom skond kif deskritt fil-kapijiet preċedenti, u senjatament fil-mument meta’ ġie arrestat, waqt li kienet qed issir tfittxija fuq il-persuna tiegħu, l-pulizija sabu temprin (*flick-knife*) fil-but tal-akkużat li allura rriżultat li kienet fil-pussess tiegħu f’dak il-waqt. Wara stħarriġ li sar mill-pulizija rriżulta wkoll li l-akkużat Borg ma kellux liċenzja maħruġa mill-Kummissarju tal-Pulizija li tippermettieh ikollu f’idejh jew fuqu sikkina jew strument li jaqta’ jew bil-ponta, u/jew biex iġorr l-istess arma barra minn fond jew ditorni tiegħu. Huwa filfatt ġar l-arma fuq il-persuna tiegħu waqt li kien involut fir-reati formanti l-mertu tal-kapi preċedenti ta’ din l-Att tal-Akkużat ġewwa Triq Joseph Burlo, Ħal-Tarxien, allavolja din l-arma ma ġietx użata f’ebda mod minnu.

Illi b’għemilu l-imsemmi Joseph Borg sar ħati talli, ġarr barra minn fond jew dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta’ jew bil-ponta ta’ liema xorta jkun mingħajr liċenza jew permezz mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija.

Illi b'sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-ismijiet Pulizija vs Joseph Kevin Vincent Borg datat is-sbatax (17) ta' Jannar tas-sena elfejn u sebgħa (2007), l- imsemmi akkużat instab ħati ta' diversi reati.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill-imsemmi Joseph Borg, reċidiv f'dellitt, ħati talli, ġarr barra minn fond jew dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr liċenzja jew permezz mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija; talab li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' mhux iżjed minn tlett xhur (3) skond dak li hemm u jintqal fl-artikolu 6 u 51(7) tal-Att dwar l-Armi (Kap 480), u l-artikoli 23, 23A, 30, 31(1)(e), 49, 50 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għall kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet preliminari tal-akkuzat Joseph Kevin Vincent Borg ipprezentati fis-26 ta' Lulju, 2013 fejn eccepixxa illi :

1. In-nullita' ta' l-att ta' l-akkuza in kwantu d-diskrezzjoni ta' 1-Avukat Generali, kemm meta hareg l-ordni msemmija fis-subinciz (2) ta' l-artikolu 120A ta' l-Ordinanza dwar il- Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'Jaqsmu Maghha (Kap. 31 tal- Ligijiet ta' Malta) kif ukoll meta kkonferma dik l-ordni bil-hrug ta' 1-att ta' l-akkuza, giet uzata b'mod zbaljat kif ukoll in vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali ta' l-eccipjent;

2. Bla pregudizzju ghall-eccezzjoni precedenti, in-nullita' tat-tieni kap ta' 1-att ta' 1-akkuza in kwantu 1-fatt migjub ma jikkostitwix, fis-sustanza, ir-reat migjub jew deskritt fl-istess kap;

3. Minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, 1-inammissibilita' ta' l-istqarrija ta' l- eccipjent in kwantu ttiehdet minghandu fl-assenza ta' avukat;

4. Minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, 1-inammissibilita' ta' l-istqarrijiet u 1- istqarrijiet guramentati ta' Mark Bartolo, Duncan Caruana, Mason Nehls, Franklyn Orsini u Matthew Zarb in kwantu ttiehdu minghandhom fl-assenza ta' avukat;

5. Minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, 1-inammissibilita' ta' kwalsiaisi referenza ghal dak li ntqal lill-Pulizija mill-eccipjent u minn Mark Bartolo, Duncan Caruana, Mason Nehis, Franklyn Orsini u Matthew Zarb ghall-istess ragunijiet migjuba flz-zewg eccezzjonijiet precedenti;

6. Minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, filwaqt li jigi rilevat li ma kien hemm ebda talba tad-difiza ghas-sekwestru ta' flejjes u proprjeta' mobbli u immobbli tieghu, 1-
inammissibilita' tax-xhud Dr. Joseph Mifsud kemm ghaliex il-hatra tieghu hija kontra 1- ligi in kwantu 1-poteri moghtija lilu huwa manifestament ultra vires, kif ukoll, sussidjarjament ghaliex, minghajr ma nghata ebda inkarigu, ghamel ricerki u inventarju ta' l-assi kollha ta' 1-eccipjent;

7. Minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, l-inammissibilita' tal-parti tar-relazzjoni ta' 1-Ispizjar Mario Mifsud kemm minhabba l-gurisprudenza relevanti in materja, kif ukoll peress li 1-prezzijiet hemm indikati jkopru perijodu differenti minn dak ta' l-akkuzi migjuba kontra 1-eccipjent. .

Semghet it-trattazzjoni ta' l-avukati difensuri kif ukoll ta' l-avukat rapprezentant ta' l-Avukat Generali, rat l-Atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat.

L-ewwel eccezzjoni tirrigwardja d-diskrezzjoni ta' l-Avukat Generali fl-isfond tas-sub inciz 2 ta' l-Artiklu 120 (a) tal-

Kap 31 tal-Ligijiet ta’ Malta. A skans ta’ repitizzjoni din il-Qorti taghmel referenza ghas-Sentenza taghha moghtija llum fil-kawza kontra Godfrey Gambin et fejn itrattat din l-eccezzjoni u tat ir-ragunijiet taghha ‘l ghala ma kelliex tkun milquha u ghalhekk f’dan il-kaz ukoll il-Qorti tiddeciedi illi tichad din l-ewwel eccezzjoni u tghaddi biex tikkunsidra l-eccezzjonijiet l-ohra.

Ikkunsidrat.

Ghal dak li jirrigwardja t-tieni eccezzjoni cioe` n-nullita tat-tieni kap ta’ l-akkuza nkwantu l-fatti migjuba ma jikkostitwix is-sustanza tar-reat, l-ilment ta’ l-eccipjent qieghed fis-sens illi l-fatti ta’ din l-akkuza ma jwasslux ghal reat ta’ traffikar. Din il-Qorti pero’ taghmel referenza ghad-definizzjoni ta’ traffikar kif esposta fl-Artiklu 120 (a) (1) ( b) tal-Kap 31 tal-Ligijiet ta’ Malta liema definizzjoni hija wiesgha hafna u tinkludi hafna affarijiet inkluz *“offra . . .”* f’liema kaz dana huwa bizzejjed biex jissodisfa d-definizzjoni ta’ traffikar. Il-fatti speci tat-tieni kap ta’ l-att ta’ l-akkuza jirriflettu din id-definizzjoni ta’ traffikar u ghalhekk ma hemm xejn null dwarha. F’dan il-kuntest il-Qorti qieghda tichad t-tieni eccezzjoni.

Ghal dak li jirrigwardja t-tielet eccezzjoni, l-inammissibilita ta’ l-istqarrija ta’ l-eccipjent inkwantu ttiehdet minn ghandu fl-assenza ta’ l-avukat, il-Qorti tirreferi ghal fol 94 ta’ l-Atti ta’ din il-kawza fejn jirrizulta illi l-istqarrija saret wara l-10 ta’ Frar, 2010 meta dahlet in vigore l-Ligi illi tawtorizza l-assistenza ta’ Avukat fil-bidu ta’ l-arrest ta’ dak li jkun. L-akkuzat Joseph Kevin Vincent Borg irrifjuta l-assistenza ta’ avukat u ghalhekk saret l-istqarrija, liema stqarrija hija valida ghal kull fini u effetti tal-Ligi, ghalhekk it-tielet eccezzjoni qieghda tigi michuda.

Rigward ir-raba’ eccezzjoni, b’din l-ecipjent qieghed jghid li garrab u sejjer igarrab ksur ta’ jedd fundamentali dwar smieh xieraq minhabba xhieda li nstemghet mill-Magistrat inkwirenti bla ma kien prezenti l-ecipjent jew l-avukat tieghu u minhabba li l-Ligi thalli lil dik ix-xhieda tkun tista tintuza f’kull stadju tal-proceduri li nbdew kontrih (Artiklu

550 (1) u 646 (2) tal-Kodici Kriminali u l-Artiklu 30A tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta).

Fortunatament ghas-soluzzjoni ta' din il-vertenza l-Qorti ghandha l-konfort ta' decizjni moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili sede' Kostittuzzjonali fil-31 ta' Ottubru, 2012 fl-ismijiet "Andrew Forace kontra l-Onorevoli Prim Ministru u l-Avukat Generali" fejn wara studju profond ta' gurisprudenza in materja l-Qorti Kostituzzjonali qalet, *"Illi jekk wiehed ihaddem l-imsemmija principji ghal kaz li l-Qorti ghandha quddiemha, wiehed jara li l-fatt wahdu l-istqarrija maghmula minn persuna fi zmien qabel ma jkun beda l-process (ghalhekk dan jghodd fih ukoll l-istadju ta' l-Inkjesta) tithalla tghodd bhala prova ma jiksirx id-dispozizzjoni tal-Konvenzjoni. Mela, fil-fehma tal-Qorti, anqas u anqas inkisru dispozizzjoni tal-Konvenzjoni fejn dik l-istqarrija tkun hadet is-sura ta' xhieda mahlufa mehudha quddiem Qorti, bl-ghoti tal-garanziji u twissijiet li dik ix-xhieda kienet hielsa u mhux maghmulha kontra r-rieda tal-persuna jew bi twebbil jew xi vantagg jew favur. Fuq kollox, izjed jitbieghed il-biza' ta' ksur tal-Konvenzjoni fejn il-parti akkuzata jkollha l-opportunita waqt is-smieh tal-kawza, li tressaq lil dak ix-xhud jew xhud taghha jew fil-kontro ezami. Dawn ic-cirkostanzi huma kollha disponibli lir-rikorrent fil-kaz ta' llum;"* Il-qorti imbaghad ikkonkludiet illi; *"Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, l-Qorti tasal ghal fehma li ma jistax jinghad li d-dispozizzjonijiet tal-Ligi li r-rikorrent qed jattakka jiksru l-Artiklu 6 tal-Konvenzjoni u lanqas jirrizultalha li t-thaddim ta' l-istess dispzizzjonijiet qieghed jikser il-jedd ta' l-istess rikorrent ghal smieh xieraq taht l-istess Artiklu."* Ghalhekk din il-Qorti tiddisponi minn din l-eccezzjoni billi tiddikjara l-ammissibilta ta' l-istqarrijiet u dawk guramentati ta' Mark Bartolo, Duncan Caruana, Mason Nehls, Franklin Orsini u Matthew Zarb fil-kuntest ta' l-Artikli 550 (1) u 646 (2) tal Kap 9 u ta' l-Artiklu 30A tal-Kap 101.

Il-hames eccezzjoni tirrigardja l-inammissibilita ta' qualsiasi referenza ghal dak li ntqal lill-pulizija mill-akkuzat u mill-persuni l-ohra ndikati fl-istess eccezzjoni. Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghal dak illi qalet fl-eccezzjoni ta' qabel numru 4 b'zjieda tar-regoli ta' dak li

jirrigwardja xhieda fuq kliem haddiehor liema regoli jinsabu l-Artiklu 598 tas-COCP res applikabli bl-Artiklu 645 tal-Kap 9.

Bhala principju l-Artiklu jghid li l-Qorti ma tiehux qis ta' xhieda dwar fatti li xhud jghid illi gie jafhom minn ghand haddiehor jew li qallu haddiehor, dana meta dan il-haddiehor ikun jista jingieb bhala xhud fuq dawk il-fatti. Ghal dan l-Artikolu pero' hemm eccezzjoni illi jaghti diskrezzjoni skont ic-cirkostanzi lill-Qorti li tiehu qis, kliem, xhieda dwar fatti li xhud jghid illi gie jafhom minn ghand haddiehor. L-Artiklu in kwistjoni huwa l-Artiklu 599 tas-COCP li "*Tippermetti xhieda fuq kliem haddiehor li tiehu qis taghha meta dan l-istess kliem haddiehor ikollu fih innifsu mportanza sostanzjali fuq il-mertu tal-kawza jew ikun jaghmel parti mill-mertu. . . .*" F'dawk li huma decizjonijiet kriminali l-Qrati taghna issa ilhom sew isegwu l-prattika dwar il-"hearsay rule", (ara r-"Republika ta' Malta vs Menrad Calleja" 26 ta' Mejju, 2005) u ricentement fis-16 ta' Jannar, 2013 il-Qorti ta' l-Appell Kriminali ppronuncjat ruhha fil-kawza "Republika ta' Malta vs John Borg" li din il-Qorti taghmel piena referenza u ghal dak li jirrigwardja r-regoli tal-"hearsay" ser timxi skont il-linji gwida mfassla fl-istess Sentenza fuq imsemmija. B'hekk il-Qorti qieghda tiddisponi minn din il-hames eccezzjoni.

Rigward l-eccezzjonji numru 6 jidher li hemm kontestazzjoni dwar il-hatra ta' l-espert Dr. Joseph Mifsud in kwantu l-poteri moghtija lilu huma manifestament ultra vires. Din il-Qorti taghmel referenza ghal fol 27 il-verbal tan-nomina ta' Dr. Mifsud liema nomina mhijiex opposta anzi jidher li hemm qbil mad-difiza li propju Dr. Mifsud iwettaq dan l-inkarigu. F'dan il-kaz allura din il-Qorti ssib illi d-difiza ma tistax f'dan l-istadju tqajjem din l-eccezjoni meta kienet hi stess li aderixxiet ghal dawn il-poteri moghtija lil Dr. Mifsud. B'hekk ukoll qieghda tiddisponi mis-sitt eccezzjoni.

Rigward is-seba' eccezzjoni l-akkuzat qieghed jilmenta minn parti mir-relazjoni ta' l-ispizjar Mifsud fejn gew indikati xi prezzijiet peress illi dawn ikopru perjodi differenti minn dak ta' l-akkuzi migjuba kontra l-eccipjent.

Din il-Qorti tirrileva illi l-valuri moghtija huma pjutost soggettivi u m'ghandekx ghalfejn tkun xi espert biex tasal ghal dawn il-valuri, id-difiza tista tirribatti dawn il-valuri waqt il-kontro ezami jew inkella jekk jidhrilha opportun permezz ta' provi ohra. Ghalhekk ghal dak li jirrigwardja l-valuri l-ispizjar Mario Mifsud jittella bhala xhud ordinarju u mhux bhala esperet, b'hekk il-Qorti qieghda tiddisponi min dan is-seba' eccezzjoni.

Peress li ma hemmx eccezzjonijiet ohra x'jigu kkunsidrati minn din il-Qorti salv appell minn dan il-gudikat tiddiferixxi din il-kawza "sine die", biex tistenna t-turn taghha biex tinstema bhala Guri.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------